MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 240/2005

**Jescer Cleaning Services Limited [C-32417]**

**vs**

**Sovereign Hotels Ltd [C-10538]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tmintax-il lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm1,718.46) rapprezentanti bilanc ta' servizzi ta' tindif rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok JC1) u dan oltre l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mill-1 ta' Settembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.

Nonostante illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont, u hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prrezentat kontestwalment ma l-Avviz ghas-smiegh, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socejta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta' Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------